MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Numru. 665/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**NICOLAI MAGRIN**
**ALAN GATT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mr Nicolai Magrin ta’ 35 sena, iben Alfred u Maria Victoria nee’ Sciberras, imwieled San Giljan, fil-31 ta’ Ottubru 1974, u residenti ‘Hillside Appartments’, flat 7, St. Anthony Street, Sliema, numru tal-Karta tal-Identita’ 528174(M) u

Alan Gatt ta' 34 sena, iben Albert u Thereza nee' Grima, imwieled Pieta', fil-26 t'April 1976, residenti 28, flat 4,

Jesmond Court, St. Joseph Street, Pieta', numru tal-Karta tal-Identita' 239776(M)

Gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar 5 ta’ Gunju 2010 ghall-habta ta' 12.00hrs u fil-gimghat ta' qabel, f'hinijiet differenti b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahdawaqt li kienu qieghdin gewwa GS Super Store, li jinsab fi triq San Pawl, Naxxar u fil-vicinanzi;

1. Ikkommettew serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Malcolm Mintoff, liema serqa hu kkwalifikat bil-valur li jaqbez € 232.94. izda li ma jaqbizx €2,329.37.
2. U aktar talli nhar il-31 t'Ottubru 2009, ghall-habta ta' 1700 hrs minn gewwa GS Super Store li jinsab fi triq San Pawl, Naxxar, ikkommettew serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Malcolm Mintoff, li valur taghhom ma jaqbizx € 232.94.

U akkuzat Nicolai Magrin wahdu talli il-Gzejjer, nhar il-2 ta' April 2010, gewwa savemart Supermarket, li jinsab fi Triq Naxxar, San Gwann:

3. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' €411.87c u dan ghad-dannu ta' Keith Spiteri u persuni ohra, u dan bi ksur ta' artikoli 308, 309 u 310 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat Alan Gatt wahdu talli;

4. Kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, b’sentenza moghtija nhar il-21 ta’ Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija deffinitiva u ma tistax tinbidel.

5. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) ta' Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, bili huwa kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta'Malta li saru definitivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok BC5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-3. akkuza li tirrigwarda lill-imputat Nicolai Magrin biss, l-istess imputat Nicolai Magrin ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-parte civile.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u Dr. Yanika Bugeja ghall-imputat Alan Gatt iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat Alan Gatt ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u konsegwentement talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Nicolai Magrin l-artikoli 17, 18, 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Nicolai Magrin, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-3. akkuza li tirrigwarda lill-imputat Nicolai Magrin biss, l-istess imputat Nicolai Magrin ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-parte civile, tillibera lill-istess imputat Nicolai Magrin taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rat fil-konfront tal-imputat Alan Gatt l-artikoli 17, 18, 31, 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alan Gatt, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u minn Dr. Yanika Bugeja ghall-impuat Alan Gatt fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u cioe' li l-Prosekuzzjoni u Dr. Yanika Bugeja ghall-imputat Alan Gatt iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat Alan Gatt ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u konsegwentement talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta’ Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Alan Gatt taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema serja ta’ abbuz mid-droga u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Alan Gatt ghall-piena ta’ erba' mitt Ewro (Ewro 400) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Alan Gatt.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Alan Gatt kull sitt (6) xhur.

Finalment il-Qorti tat lill-imputat Nicolai Magrin l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u lill-imputat Alan Gatt l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------